


1 ta’ Novembru

# Il-Qaddisin Kollha

Solennità

**Liturġija tal-Kelma**

# Qari I

## Qari mill-Ktieb tal-Apokalissi ta’ San Ġwann Appostlu.

7, 2-4.9-14

2 U rajt anġlu ieħor
tiela’ bis-siġill ta’ Alla l-ħaj min-naħa tal-lvant,
u b’leħen għoli għajjat lill-erba’ anġli
li lilhom kienet ingħatat is-setgħa
li jagħmlu l-ħsara lill-art u lill-baħar,
3 u qalilhom:
«Tagħmlulhomx ħsara lill-art u lill-baħar,
anqas lis-siġar,
qabel ma nkunu stampajna s-siġill
fuq il-ġbin tal-qaddejja ta’ Alla tagħna.»
4 Imbagħad smajt x’kien l-għadd tal-issiġillati:
mija u erbgħa u erbgħin elf issiġillati,
minn kull tribù ta’ wlied Iżrael.
9 Wara dan ħarist,
u ara, kien hemm kotra kbira
li ħadd ma jista’ jgħoddha,
minn kull ġens u tribù,
minn kull poplu u lsien,
weqfin quddiem it-tron
u quddiem il-Ħaruf,
lebsin ilbiesi twal bojod,
u bil-friegħi tal-palm f’idejhom.
10 U għollew leħenhom u bdew jgħidu:
«Is-salvazzjoni nafuha lil Alla tagħna
li qiegħed fuq it-tron, u lill-Ħaruf."

11 L-anġli kollha
kienu qegħdin madwar it-tron u madwar ix-Xjuħ
u l-erba’ Ħlejjaq Ħajjin,
u waqgħu wiċċhom fl-art
quddiem it-tron jagħtu qima lil Alla
12 u jgħidu:
«Ammen. It-tifħir u l-glorja,
l-għerf, ir-radd ta’ ħajr u l-ġieħ,
il-qawwa u s-saħħa lil Alla tagħna,
għal dejjem ta’ dejjem! Ammen.»
13 Imbagħad wieħed mix-Xjuħ
qabad u staqsieni:
«Dawn li għandhom l-ilbiesi twal bojod fuqhom
min huma, u minfejn ġejjin?»
14 «Inti taf, sinjur», għedtlu jien.
Imbagħad qalli:
«Dawn huma dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir,
u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajjduhom
fid-demm tal-Ħaruf.»

Il-Kelma tal-Mulej.

℟. Irroddu ħajr lil Alla.

# Salm Responorjali

23 (24), 1-6

℟. Dan hu n-nisel ta’ dawk li jfittxu ’l wiċċek, Mulej.

1b Tal-Mulej hi l-art u kull ma fiha,
id-dinja u kull ma jgħix fiha.
2 Għax hu fuq l-ibħra waqqafha,
u fuq ix-xmajjar fis-sod qegħedha. ℟.

3 Min jista’ jitla’ fuq l-għolja tal-Mulej,
min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu?
4 Min għandu idejh indaf u qalbu safja,
min ma jagħtix ruħu għall-frugħa,
u anqas ma jaħlef bil-qerq. ℟.

5 Dan ikollu barka mingħand il-Mulej,
u l-ħlas li ħaqqu minn Alla, is-Salvatur tiegħu.
6 Dan hu n-nisel ta’ dawk li jfittxuh;
li jfittxu ’l wiċċek, Alla ta’ Ġakobb. ℟.

# Qari II

## Qari mill-Ewwel Ittra
## ta' San Ġwann Appostlu. 1, 1-3

1 Għeżież,
araw b'liema għożża ħabbna l-Missier;
nistgħu nissejjħu wlied Alla,
u hekk aħna tassew.
Għalhekk id-dinja ma tagħrafniex,
għax ma għarfitx lilu.
2 Għeżież, issa aħna wlied Alla,
imma x'se nkunu 'l quddiem
m'huwiex irrivelat lilna.
Madankollu nafu li meta jidher hu,
aħna nkunu bħalu,
għax narawh kif inhu.
3 Kull min għandu din it-tama fih,
jissaffa bħalma safi huwa Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej.

℟. Irroddu ħajr lil Alla.

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mattew 11, 28

℣. Hallelujah. ℟. Hallelujah.
Ejjew għandi,
intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin,
u jiena nserraħkom
℟. Hallelujah.

# Evanġelju

✠ **Qari mill-Evanġelju skont San Mattew.** 5, 1-12a

1 Kif ra l-folol, Ġesù tala’ fuq il- muntanja,
qagħad bilqiegħda,
u resqu lejh id-dixxipli tiegħu.
2 Fetaħ fommu
u qabad jgħallimhom u jgħid:
3 «Henjin il-foqra fl-ispirtu,
għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
4 Henjin l-imnikkta,
għax huma jkunu mfarrġa.
5 Henjin ta’ qalbhom ħelwa,

għax huma jkollhom b’wirthom l-art.
6 Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja,
għax huma jkunu mxebbgħin.

7 Henjin dawk li jħennu,
għax huma jsibu ħniena.
8 Henjin dawk li huma safja f’qalbhom,
għax huma jaraw ’l Alla.
9 Henjin dawk li jġibu l-paċi,
għax huma jissejħu wlied Alla.
10 Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa,
għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
11 Henjin intom, meta jgħajjrukom u jippersegwitawkom
u jaqilgħu kull xorta ta’ ħażen u gideb
kontra tagħkom minħabba fija.
12a Ifirħu u thennew,
għax ħlaskom kbir fis-smewwiet.

Il-Kelma tal-Mulej.

℟. Tifħir lilek Kristu.